**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Ħamsa u Erbgħin (46)**

**24 ta' Frar 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija b'mod virtwali. Dan minħabba ċ-ċirkostanzi attwali relatati mal-pandemija tal-Covid-19.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada - Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier *(daħal għal-laqgħa fis-6.30pm)*

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Victor John Curmi – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

46.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Victor Curmi li ma setax jattendi għal-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet ta' xogħol.

46.1.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

46.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Anthony Attard infurmah li ser jasal tard għal-laqgħa.

**46.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

46.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 45 li saret nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar 2022.

**46.3 Approvazzjoni tal-*unaudited financial statements* għas-sena 2021**

46.3.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li matul din il-laqgħa għandhom jiġu approvati l-*unaudited financial statements* għas-sena 2021. Dan peress li sal-Ġimgħa 25 ta' Frar dawn iridu jintbagħtu lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO).

46.3.2 Is-Sindku innota b'sodisfazzjon li għalaqna s-sena 2021 b'bilanċ finanzjarju u dan jixhed l-impenn tal-Kunsill li jwettaq id-dmirijiet tiegħu b'mod diliġenti mingħajr ma jikkomprometti l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

46.3.3 Il-Kunsill approva unanimament l-*unaudited financial statements* għas-sena 2021. Dawn ser jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali, l-awdituri tal-Kunsill u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**46.4 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

46.4.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li x-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq Marsalforn jinsab miexi b'ritmu tajjeb u dan minħabba l-fatt li l-kuntrattur alloka numru ikbar ta' ħaddiema li qed jaħdmu fuq dan il-proġett.

Is-Sindku qal li l-kuntrattur infurmah li, sakemm it-temp ikun jippermetti u sakemm ma jkollux nuqqas ta' ħaddiema minħabba xi kwarantina marbuta mal-pandemija attwali, il-ħsieb hu li matul dan ix-xahar ikomplu jsiru l-bankini u tingħata l-ewwel kisja lill-ewwel parti tat-triq.

46.4.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li bħalissa qed nistennew l-approvazzjoni min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex eventwalment jiġi ippubblikat it-*tender* għall-bini ta' Ċentru Ċiviku ġdid għal-lokalita' tagħna, liema xogħol ser ikun iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sindku qal li sadanittant qed ikompli x-xogħol relatat mar-rilokazzjoni tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill għal parti mill-bini tal-librerija pubblika 'Patri Ġiġi Camilleri SJ' fi Triq it-Tiġrija.

46.4.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma aċċettat li tiffinanzja x-xogħol relatat mal-manutenzjoni u rikostruzzjoni ta' partijiet minn Triq il-Marġa. Dan wara talba li saret mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra lill-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sindku qal li għadna qed nistennew l-awtorizazzjoni min-naħa ta' Transport Malta fuq rakkomandazzjoni tal-Inġinier Charles Camilleri mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għall-installazzjoni ta' sinjali tat-traffiku f'din il-parti tat-triq. Is-Sindku qal li jinsab infurmat li l-

Korporazzjoni qed taħdem biex tippubblika s-sejħa għall-offerti mill-aktar fis possibbli.

Is-Sindku irringrazzja lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li ser tiffinanzja dawn ix-xogħlijiet maġġuri fil-lokalita' tagħna.

46.4.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li preżentament qed jintlaqgħu offerti fuq is-sistema tal-*eapps* għax-xiri ta' trakk għall-użu tal-Kunsill, liema trakk ser ikun iffinanzjat mill-fondi tal-LESA (skema Proġetti fil-Komunitajiet). L-offerti jintlaqgħu sal-11.00am tat-Tlieta 1 ta' Marzu 2022.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandu jinħatar bord ta' aġġudikazzjoni li jevalwa l-offerti li jkunu ġew sottomessi, liema bord ikun iffurmat minn William Sultana bħala *chairman*, Dr. Larry Formosa, l-*accountant* Anthony Farrugia u l-Inginier Joseph Azzopardi bħala *evaluators* u s-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ikun is-Segretarju tal-Bord.

46.4.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Mario Muscat li kellu jagħmel ix-xogħol ta' taħmil tar-*reservoir* fi Pjazza l-Vitorja informa verbalment lill-Kunsill li dan ix-xogħol ma jistax isir fl-immedjat minħabba impenji oħra li għandu fil-preżent.

In viżta ta' dan u minħabba l-urġenza tax-xogħol relatat, il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-kuntrattur Richard Cauchi għal dan ix-xogħol. Dan huwa neċessarju sabiex tkun tista' ssir sistema ta' irrigazzjoni awtomatika għall-pjanti li ġew imħawla riċentament fl-istess pjazza bħala parti minn proġett ħolistiku iffinanzjat mill-Ministeru tal-Ambjent.

46.4.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li wasal iż-żmien li nibdew naħsbu għall-organizazzjoni ta' Jum ix-Xagħra li jiġi ċċelebrat kull sena nhar it-28 ta' April fl-anniversarju tat-twaqqif tal-Parroċċa.

Is-Sindku qal li fid-dawl taċ-ċirkustanzi attwali, huwa qed jipproponi li l-attivita' din is-sena ssir fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina nhar is-Sibt 23 ta' April 2022 permezz ta' Quddiesa bis-sehem tal-Banda *Victory*

segwita minn ċerimonja qasira li matulha jingħata l-unur 'Ġieħ ix-Xagħra 2022'.

Il-Kunsill qabel ma' dan u iddeċieda li għandna noħorġu l-formola għan-nominazzjoni ta' persuni biex jingħataw dan l-unur.

46.4.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li fil-ġimgħat li għaddew, il-Ministeru tal-Wirt Nazzjonali, Kultura u Gvern Lokali ħabbar li, in viżta taċ-ċirkostanzi attwali relatati mal-pandemija tal-Covid-19, il-Karnival ta' Malta ser jiġi trasferit għall-Ġimgħa 20, is-Sibt 21 u l-Ħadd 22 ta' Mejju 2022.

Fid-dawl ta' dan, huwa propona li għandu jsir programm varjat fi Pjazza l-Vitorja nhar is-Sibt 21 ta' Mejju 2022 filghaxija u li jkun jinkludi l-karrijiet trijonfali u z-zifna tradizzjonali tal-Kumittiva. Ser niċċekkjaw mad-Dipartiment tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward dan.

46.4.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li minħabba proċeduri bankarji ġodda li ġew adottati mill-*Bank of Valletta*, id-depożiti tal-flus kontanti jridu jsiru permezz ta' *night safe agreement* li jiġi iffirmat bejn il-Kunsill Lokali u l-bank rispettiv.

Fid-dawl ta' dan, huwa propona u l-Kunsill qabel li għandna niffirmaw dan il-ftehim u anke niffirmaw ftehim mal-kumpanija G4 sabiex tipprovdi servizz li tittrasporta l-flus kontanti fil-bank rispettiv sabiex il-proċess isir bl-aktar mod sigur.

## 46.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

46.5.1 Il-Kunsillier Stefan Bajada staqsa dwar meta ser jitkompla l-kors tal-bizzilla li qed isir fil-librerija pubblika tagħna. Il-Kunsill qabel li dan il-kors għandu jitkompla mill-ewwel ġimgħa ta' April.

## 46.6 Qari tal-Korrispondenza

46.6.1 Ċirkulari numru 014/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Fire Warden Training'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.2 Ċirkulari numru 015/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-Earth Hour 2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.3 Ċirkulari numru 016/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Urban Greening Scheme 2022 – Information Session Presentation'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.4 Ċirkulari numru 017/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Caritas Malta Epilepsy Association'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.5 E-mail mingħand Thomas Xerri ta' *Xerri's Garden Centre & Nursery* bi kwotazzjoni għal xiri ta' pjanti għall-belvedere tal-Qaċċa. It-total tal-kwotazzjoni huwa ta' € 324.50 VAT inkluża. Il-Kunsill iddeċieda li għandna nitolbu kwotazzjoni oħra mingħand *Agri Pet & Supplies*.

46.6.6 Ċirkulari numru 018/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'EAFRD Miżura 4.3'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.7 E-mail mingħand Astrid Vella, ko-ordinatriċi tal-Għaqda 'Flimkien għal Ambjent Aħjar', li fiha qed tistieden lill-Kunsilli Lokali sabiex jadottaw l-FAA Charter for Local Council. Il-Kunsill aċċetta din il-proposta.

46.6.8 E-mail mir-Reġjun Għawdex bi stedina lil rappreżentanza tal-Kunsilli Lokali sabiex tattendi għal konferenza bit-tema 'GRDA EU Funding Roadmap for Gozo'. Din saret nhar il-Ħamis 24 ta' Frar 2022 u għaliha attenda s-Sindku Dr. Christian Zammit.

46.6.9 E-mail mingħand Thomas Xerri ta' *Xerri's Garden Centre & Nursery* li fiha qed jistaqsi lill-Kunsill jekk iridx iġedded il-kuntratt tal-manutenzjoni tal-pjanti li tħawlu fi Pjazza l-Vitorja. Dan peress li l-kuntratt attwali jiskadi

fit-28 ta' Frar 2022. Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt għandu jiġġedded sal-31 ta' Mejju 2022.

46.6.10 Ċirkulari numru 020/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Office Assistant – Skala 16 – Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.11 E-mail mill-Ministeru tal-Wirt Nazzjonali, Arti u Gvern Lokali b'informazzjoni rigward espressjoni ta' interess għal installazzjoni ta' *outdoor fixed percussion exhibits*. Sottomissjonijiet kellhom jintlaqgħu sal-Ġimgħa 11 ta' Frar 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.12 Ċirkulari numru 021/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Download our Equality toolboxes!'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.13 E-mail mingħand is-Sinjura Carmen Vella, *Programme Manager EU Funds*, li fiha qed tistieden rappreżentanza mill-Kunsill sabiex tattendi għal sessjoni ta' informazzjoni rigward il-programm INTERREG 2021-2027, liema sessjoni ser issir b'mod virtwali nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.14 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha d-Dipartiment qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jissottometti talba għall-fondi ta' aġġustament għas-sena 2022.

Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-funtana li tinsab fil-ġnien pubbliku faċċata tal-Mitħna Ta' Kola.

46.6.15 Ċirkulari numru 02/2022 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.16 E-mail mingħand l-artist Xagħri Mario Agius li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fl-organizazzjoni ta' esebizzjoni ta' skultura li ser tiġi inawgurata f'April 2022. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora f'din l-inizjattiva bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 250.

46.6.17 E-mail mingħand il-Perita Antoinette Conti minn Transport Malta li fiha qed tinforma lill-Kunsill li l-Awtorita' tat-Trasport ma approvatx iz-*zebra crossing* kif proposta fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru (quddiem ix-*Xi Xi Restaurant*) peress li tinsab qrib kantuniera. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.18 Ċirkulari numru 019/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Il-Laqgħa Plenarja fl-4 u 5 ta' Marzu 2022'. Din il-laqgħa ġiet posposta għal data li tiġi komunikata aktar 'il quddiem. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.19 Ċirkulari numru SPI/SCI/2/2022 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Tnedija mill-ġdid tal-*Community Inclusive Employment Scheme*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.20 E-mail mingħand il-*Europe Direct Gozo* b'informazzjoni rigward diskussjoni pubblika f'Għawdex dwar il-Futur tal-Ewropa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.21 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar is-servizz 'Kenn għal Saħħtek' ġewwa Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.22 Ċirkulari numru 022/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Info Session Elderly Community Care – Post Covid-19 – 24/02/2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.23 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar konferenza internazzjonali tas-Sindki li qed issir fl-Italja bejn il-Ħamis 24 u l-Ħadd 27 ta' Frar 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.24 Ċirkulari numru 023/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Learning Works MQF Level 6 Award in Women in Leadership'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.25 Ċirkulari numru 024/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Ġbir ta' informazzjoni dwar Kompjuters aċċessibbli għall-pubbliku'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.26 Ċirkulari numru 025/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Link to the ĠEMMA Strategy 2022-2025'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.27 E-mail mingħand Joseph Buttigieg, Assistent Direttur fil-Ministeru għal Għawdex, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jagħmel *endorsement* tal-proġett ta' resurfacing ta' Triq Tal-Wied tal-Għejjun, liema proġett ser jintalab finanzjament Ewropew għalih min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill aċċetta din it-talba bil-kundizzjoni li dan l-*endorsement* ma jimplikax *commitment* finanzjarju min-naħa tagħna.

46.6.28 E-mail mingħand Mro. Colin Attard li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-organizazzjoni ta' Kunċert mużikali bis-sehem tal-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta bħala parti mill-Festival *Gaulitana*, liema Kunċert ser isir nhar il-Ġimgħa 18 ta' Marzu 2022 fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora f'din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 300.

46.6.29 Ċirkulari numru 026/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Invitation for Conference on Sustainable Mobility'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.30 E-mail mill-Kummissjoni Ewropea (is-Sezzjoni tat-*Town Twinning*) li fiha l-Kummissjoni infurmat lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li approvat l-estensjoni tal-proġett FUTHURE sal-31 ta' Ottubru 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.31 Ċirkulari numru 027/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Diversity – Cultural Awareness Training Session – 08/03/2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.32 E-mail mingħand Joseph Bajada, Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika *Victory*, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' Programm ta' Mużika Sagra li ser isir nhar l-Erbgħa 30 ta' Marzu 2022 fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina. Il-Kunsill qabel

li għandu jikkollabora f'din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 1000.

46.6.33 E-mail mingħand Luke Said li fiha qed jistieden lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra għal attivita' ta' *clean-up* fix-Xagħra li ser issir nhar is-Sibt 5 ta' Marzu 2022. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw din l-istedina.

46.6.34 E-mail mingħand il-Perit Lauran Dimech li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jipprovdi dikjarazzjoni li l-isqaq fi Triq Sruġ maġenb binja li fuqha hemm applikazzjoni pendenti għal xogħol ta' żvilupp jaqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li ghandna nirreferu din it-talba lill-Awtorita' tal-Artijiet.

46.6.35 E-mail mingħand Mro. Colin Attard, Direttur Artistiku tal-Festival *Gaulitana*, li fiha qed jistieden lill-Kunsill sabiex jattendi għall-attivitajiet relatati mal-festival *Gaulitana* li ser jibdew nhar is-Sibt 5 ta' Marzu 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.36 E-mail minghand Dr. Marlene Cini LLD, Segretarja tal-Kumitat ghall-Ismijiet tat-Toroq ghal Ghawdex, li fiha qed tinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra li t-triq maghrufa bhala Vjal it-Tmienja ta' Settembru kienet issemmiet ufficjalment nhar il-5 ta' Awwissu 1955 bhala Triq it-8 ta' Settembru u mhux Vjal it-8 ta' Settembru.

Is-Segretarja qed tistaqsi jekk il-Kunsill jixtieqx ibiddel l-isem ghal dak li hija maghrufa bih b'mod popolari jigifieri 'Vjal it-Tmienja ta' Settembru'. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

46.6.37 E-mail mill-Korporazzjoni Enemalta b'informazzjoni dwar proċess li ser jitnieda mill-istess entita' għal regolarizzazzjoni ta' dwal tat-toroq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.38 E-mail mingħand il-Kan. Dun Michael Galea, Rettur tal-Knisja ta' Sant'Anton Abbati fix-Xagħra, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fix-xogħol ta' manutenzjoni li mistenni jsir quddiem iz-zuntier tal-istess Knisja.

Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lir-Rettur sabiex jipprovdi dikjarazzjoni mill-Awtorita' tal-Artijiet li l-imsemmija żona hija pubblika.

46.6.39 E-mail mingħand Jurgen John Gauci, *event planner*, li fiha qed jitlob il-permess tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex tiġi organizzata attivita' ta' divertiment fuq il-bajja tar-Ramla l-Ħamra nhar is-7 ta' Lulju 2022. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

*Il-Kunsillier Anthony Attard daħal għal-laqgħa fis-6.30pm.*

**46.7 Ilmenti mir-residenti**

46.7.1 Talba mingħand Dawn Portelli ta' 'Meadow View', Triq Santa Verna, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tagħha. Din it-talba qed issir peress li t-triq hija dejqa ħafna u jekk ikun hemm il-vetturi ipparkjati faċċata tal-garaxx tagħha, ikollha diffikulta' biex toħroġ il-vettura tagħha mill-garaxx. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

46.7.2 Talba mingħand Vince Sultana ta' Sqaq fi Triq Ta' Gajdoru sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fil-kantuniera bejn l-isqaq fejn joqgħod hu u Triq Ta' Gajdoru. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

46.7.3 Talba mingħand Simon Sultana ta' Triq Ġnien Imrik sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fil-kantuniera bejn Triq l-Għar ta' Xerri u Triq Ġnien Imrik għax qed ikun hemm il-karozzi ipparkjati hemmhekk u qed joħolqu inkonvenjent. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

46.7.4 Talba mingħand is-Sindku Dr. Christian Zammit sabiex jinbidel it-tapit ta' taħt il-*playing equipment* fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li għandna ninkludu din l-inizjattiva mal-proġett ta' *refurbishment* tal-*playing field* li ser ikun parzjalment iffinanzjat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

46.7.5 Talba mingħand Maryrose Attard ta' Triq il-Knisja sabiex titbaxxa r-rampa tal-garaxx tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

**46.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

46.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

46.8.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**46.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

46.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tlieta 5 ta' April 2022 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**